

Brussell, 5 ta' Ġunju 2020
(OR. en)

8648/20

MAR 80
OMI 34
ENV 335
CLIMA 109
SOC 397
DIGIT 43
TRANS 243

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8001/20	7976/20
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-"Settur tat-Trasport fuq l-Ilma tal-UE - Prospettiva futura: <i>Lejn Settur tat-Trasport fuq l-Ilma tal-UE b'livell newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju, l-ebda aċċident, awtomatizzat u kompetittiv</i> "

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-"Settur tat-Trasport fuq l-Ilma tal-UE – Prospettiva futura: *Lejn Settur tat-Trasport fuq l-Ilma tal-UE b'livell newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju, l-ebda aċċident, awtomatizzat u kompetittiv*", approvat mill-Kunsill bi proċedura bil-miktub fil-5 ta' Ġunju 2020.

KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL

dwar

is-"Settur tat-Trasport fuq l-Ilma tal-UE - Prospettiva futura:

Lejn Settur tat-Trasport fuq l-Ilma tal-UE b'livell newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju, l-ebda aċċident, awtomatizzat u kompetittiv

Settur tat-Trasport tal-UE fuq l-Ilma"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

WARA LI KKUNSIDRA

1. il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2014 dwar ir-Reviżjoni ta' Nofs it-Term tal-Politika tal-UE dwar it-Trasport Marittimu sal-2018 u l-Prospetti sal-2020¹;
2. il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2017 dwar il-"Prijoritajiet għall-politika tal-UE dwar it-trasport marittimu sal-2020: Kompetittività, Dekarbonizzazzjoni, Diġitalizzazzjoni biex jiġu żgurati l-konnettività globali, suq intern effiċjenti u settur marittimu ta' livell dinji"²;
3. il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar it-"Trasport bin-Navigazzjoni Interna – naraw il-potenzjal tiegħu u nipromwovuh!"³;
4. ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni tal-Istrateġija tat-Trasport Marittimu tal-UE għall-2009-2018⁴;
5. Ir-rapport ta' progress ta' nofs it-terminu tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' azzjoni NAIADES II għall-promozzjoni tat-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni;⁵

¹ Dokument 10041/14.

² Dokument 9976/17.

³ Dokument 15144/18.

⁴ Dokument 12829/16.

⁵ Dokument 12350/18.

FILWAQT LI JILQA' l-Laqgħa Ministerjali Informali dwar it-Trasport Marittimu ta' suċċess organizzata mill-Presidenza Kroata f'Opatija, il-Kroazja, fil-11 ta' Marzu 2020, li stabbilixxiet viżjoni għal settur tat-trasport fuq l-ilma b'livell newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju, l-ebda aċċident, awtomatizzat u kompetittiv, sostnut minn forza tax-xogħol b'taħriġ u ħiliet aġġornati, li huwa kruċjali għall-benesseri tal-Unjoni Ewropea;

FILWAQT LI JFAKKAR fl-importanza vitali u strateġika tat-trasport marittimu, it-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni u servizzi relatati għall-provvista ta' prodotti essenzjali u għas-saħħa, il-benesseri u l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini Ewropej;

FILWAQT LI JENFASIZZA r-rwol kruċjali tat-trasport marittimu Ewropew matul il-pandemija tal-COVID-19, li żgura l-fluss regolari tal-kummerċ bil-baħar u t-tħaddim tal-katini tal-provvista, kemm jista' jkun mingħajr xkiel, għad-disponibbiltà mhux interrotta ta' servizzi bażiċi, komoditajiet u mediċini liċ-ċittadini tal-UE u industriji vitali; FILWAQT LI JINNOTA li dan ir-rwol huwa ta' importanza kbira għall-UE u JFAKKAR MILL-ĠDID, f'dan l-isfond, li s-settur tat-trasport fuq l-ilma tal-UE huwa ta' interess strateġiku għall-UE minħabba l-integrità tal-provvista tiegħu; FILWAQT LI JIRRIKONOXXI r-rwol kruċjali tal-baħħara u tal-ħaddiema tan-navigazzjoni interna, inkluż id-dritt tagħhom għal trattament ġust, f'dan ir-rigward u l-ħtieġa li jittaffa l-impatt soċjoekonomiku negattiv tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-settur tat-trasport fuq l-ilma;

FILWAQT LI JTENNI r-rwol essenzjali tat-trasport fuq l-ilma li jipprovdi impjiegi, isaħħaħ il-kompetittività ekonomika Ewropea u jikkontribwixxi sostanzjalment għall-PDG tal-Unjoni Ewropea;

FILWAQT LI JAFFERMA MILL-ĠDID li s-settur tat-trasport fuq l-ilma Ewropew qed iħabbat wiċċu ma' sfidi sinifikanti u li tenħtieġ aktar azzjoni biex jinżamm u jiġi żviluppat aktar it-trasport fuq l-ilma li jkun attraenti u sostenibbli, intelliġenti, sigur u soċjali;

FILWAQT LI JENFASIZZA li l-prijoritajiet politiċi stabbiliti fid-Dikjarazzjoni ta' Opatija għandhom jiġu kkunsidrati b'mod sħiħ mill-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati meta jittieħdu miżuri b'appoġġ għat-trasport fuq l-ilma;

GĦALDAQSTANT IL-KUNSILL

JAPPROVA l-kontenut tad-"Dikjarazzjoni ta' Opatija" dwar is-"Settur tat-Trasport fuq l-Ilma tal-UE – Prospettiva futura: Lejn settur tat-Trasport fuq l-Ilma tal-UE b'livell newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju, l-ebda aċċident, awtomatizzat u kompetittiv" u JIRRIKONNOXXI d-Dikjarazzjoni bħala kontribut sostanzjali għall-politika tat-trasport fuq l-ilma tal-UE wara l-2020;

JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaħdmu flimkien, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' korpi u aġenziji istituzzjonali oħra tal-UE u mal-industrija u s-sħab soċjali, biex jieħdu inizzjattivi adatti u jistabbilixxu miri importanti, filwaqt li jieħdu d-"Dikjarazzjoni ta' Opatija" bħala l-bażi, għal aktar żvilupp u implimentazzjoni tal-politika tal-UE dwar it-trasport fuq l-ilma wara l-2020.

Is-Settur tat-Trasport fuq l-Ilma tal-UE – Prospettiva futura
Lejn Settur tat-Trasport fuq l-Ilma tal-UE b'livell newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-
karbonju, l-ebda aċċident, awtomatizzat u kompetittiv
Settur tat-Trasport tal-UE fuq l-Ilma

Aħna, il-Ministri responsabbli għall-politika dwar it-trasport fuq l-ilma, li tkopri t-trasport marittimu u n-navigazzjoni fl-ilmijiet interni, taħt il-presidenza ta' Oleg Butković, Ministru għall-Baħar, it-Trasport u l-Infrastruttura tar-Repubblika tal-Kroazja u fil-preżenza ta' Adina-Ioana Vălean, Kummissarju għall-Mobbiltà u t-Trasport, fl-okkażjoni tal-Laqgħa Ministerjali Informali f'Opatija, fil-11 ta' Marzu 2020,

- **FILWAQT LI NENFASIZZAW** ir-rwol vitali u strateġiku tat-trasport fuq l-ilma għall-ekonomija tal-UE, il-kummerċ globali u l-konnettività, u l-importanza tiegħu għall-funzjonament tas-suq intern;
- **FILWAQT LI NISSOTTOLINJAW** il-pożizzjoni ta' tmexxija tal-UE fil-provvista ta' servizzi u operazzjonijiet tat-trasport fuq l-ilma sikuri, sostenibbli u effiċjenti bi standards ta' xogħol għoljin;
- **FILWAQT LI NFAKKRU** li ibħra u oċeani nodfa, sostenibbli, sikuri u siguri huma ta' importanza fundamentali għall-kummerċ ħieles globali, l-ekonomija tal-UE u għaċ-ċittadini tagħha;
- **FILWAQT LI NIRRIKONOXxu** l-ħtieġa għal azzjoni urġenti biex jiġu indirizzati l-isfidi maġġuri tat-tibdil fil-klima u s-sostenibbiltà ambjentali, inkluż l-adattament ta' portijiet u infrastruttura tal-passaġġi fuq l-ilma interni, l-integrazzjoni tagħha fil-katina tal-provvista u biex jiġu kkunsidrati modi biex tissaħħaħ aktar il-kompetittività tas-settur;
- **FILWAQT LI NENFASIZZAW** l-importanza tat-trasformazzjoni diġitali tas-settur tat-trasport fuq l-ilma u s-sinifikat tagħha għal aktar żvilupp tal-kummerċ globali u l-kompetittività tal-Unjoni Ewropea fid-dinja kif ukoll it-tisħiħ tas-suq intern, u nirrikonoxxu l-ħtieġa li jiġu definiti r-rekwiżiti ta' trasparenza, responsabbiltà u kontabbiltà għall-funzjonament u l-operazzjoni ta' sistemi awtomatizzati;
- **FILWAQT LI NINNOTAW** l-isfidi li s-settur tat-trasport fuq l-ilma qed jiffaċċa fir-rigward tal-introduzzjoni meħtieġa ta' teknoloġiji ġodda li huma effiċjenti fl-użu tal-enerġija;

- **FILWAQT LI NIRRIKONNOXXU** l-importanza ta' edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja adegwati għall-baħħara u l-ħaddiema tan-navigazzjoni interna f'ambjent tat-trasport fuq l-ilma li qed jinbidel b'mod rapidu;
- **NAFFERMAW MILL-ĠDID** l-oġettiv li tiġi appoġġata l-kompetittività fit-tul tat-trasport marittimu Ewropew fis-swieq marittimi globali fil-kuntest tax-xejriet protezzjonisti u miżuri restrittivi li qed jikbru;
- **FILWAQT LI NIRRIKONNOXXU** li l-għanijiet ta' politika ta' trasport marittimu li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, sikur u sigur jistgħu jinkisbu permezz ta' kooperazzjoni effettiva bejn ir-regolaturi u l-industrija u l-aċċess suffiċjenti ta' din tal-aħħar għas-swieq finanzjarji u l-finanzjament xieraq;
- **FILWAQT LI NQISU** d-diskussjonijiet li saru fil-Konferenza Ministerjali Marittima ta' Livell Għoli li saret f'Opatija fl-10 ta' Marzu 2020;
- **FILWAQT LI NFAKKRU** fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Prioritajiet għall-politika tal-UE dwar it-trasport marittimu sal-2020: Kompetittività, Dekarbonizzazzjoni, Diġitalizzazzjoni biex jiġu żgurati l-konnettività globali, suq intern effiċjenti u settur marittimu ta' livell dinji" u dwar it-"Trasport bin-Navigazzjoni Interna – naraw il-potenzjal tiegħu u nippromwovuh!";

QBILNA LI NAĦDMU LEJN:

Settur tat-trasport fuq l-ilma b'livell newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju u mingħajr tniġġis

- 1.1 **NILQGĦU** l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew li għandu l-għan li jaċċellera l-progress lejn settur tat-trasport fuq l-ilma tal-UE kompletament sostenibbli f'soċjetà ġusta u prospera b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi; **NILQGĦU** l-istrateġiji u l-inizjattivi nazzjonali eżistenti kollha li għandhom l-għan li jiddekarbonizzaw is-settur tat-trasport fuq l-ilma; **NINKORAĠĠIXXU** s-sinerġiji bejn inizjattivi internazzjonali, Ewropej u nazzjonali u sforzi biex tiġi aċċellerata t-transizzjoni għal settur tat-trasport fuq l-ilma b'livell newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju.
- 1.2 **NINNOTAW** li r-rispons politiku għall-Patt Ekoloġiku Ewropew għandu jintuża bħala opportunità biex tissaħħaħ aktar il-kompetittività tas-settur tat-trasport fuq l-ilma Ewropew u biex jikkontribwixxi għal tkabbir u prosperità Ewropea; **NISSOTTOLINJAW** li kwalunkwe miżura għal newtralità karbonika trid tkun newtrali mill-aspett tal-pajjiżi filwaqt li tiżgura kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u tevita r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.

- 1.3 **NENFASIZZAW** li l-azzjoni ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima fuq livell globali hija tal-akbar importanza għat-trasport marittimu internazzjonali u għandha tingħata prijorità, inkluż infurzar robust u effettiv fil-livell globali bil-għan li jinżammu kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni; **NINNOTAW** l-importanza ta' aktar ħidma fi ħdan l-IMO sabiex jintlaħaq l-oġettiv tat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2050 flimkien ma' viżjoni għal dekarbonizzazzjoni sħiħa; **NAPPOĠĠAW** implimentazzjoni f'waqtha u effettiva tal-Istrateġija Inizjali tal-IMO dwar it-Tnaqqis ta' Emissjonijiet ta' Gassijiet b'Effett ta' Serra minn Bastimenti u r-reviżjoni li jmiss tagħha.
- 1.4 **NENFASIZZAW** l-impenn lejn it-trasport marittimu sabiex jimplimenta b'mod effettiv il-limitu massimu globali tal-kubrit.
- 1.5 **NINKORAĠĠIXXU** r-riċerka, l-iżvilupp, il-finanzzjament u l-varar ta' vapuri b'emissjonijiet żero għal trasport marittimu fuq distanzi qosra u navigazzjoni interna fil-futur qarib.
- 1.6 **NIRRIKONNOXXU** l-ħtieġa li jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' fjuwils alternattivi differenti għall-użu fis-segmenti kollha tat-trasport fuq l-ilma u biex jiġi żgurat finanzzjament adegwat b'appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp permezz ta' strumenti u għotjiet finanzjarji pubbliċi, privati u tal-UE, inkluż l-LNG bħala fjuwil tranżitorju, u l-infrastruttura assoċjata, teknoloġiji innovattivi u d-disinji ta' bastimenti sostenibbli; **NAPPOĠĠAW** is-Sħubija prevista tal-faċilità Orizzont Ewropa "Trasport fuq l-Ilma b'Emissjonijiet Żero" biex jiġi żgurat l-iżvilupp u l-varar ta' sistemi ta' propulsjoni alternattivi u sistemi ta' fjuwil alternattivi għat-trasport fuq l-ilma u biex jiġi ddekarbonizzat is-settur tat-trasport fuq l-ilma.
- 1.7 **NILQGĦU** l-proposta tal-Kummissjoni għall-istabbiliment ta' Mekkaniżmu ta' Transizzjoni Ġusta li jkun jista' jappoġġa wkoll it-trasformazzjoni ta' territorji li jiffaċċjaw l-akbar sfidi soċjali u ekonomiċi tat-transizzjoni għal ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju b'mod ġust u inklużiv sabiex ħadd ma jibqa' lura;
- 1.8 **NTENNU L-APPOĠĠ** għall-viżjoni ċara għal portijiet ekoloġiċi u newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju, inkluż l-użu ta' LNG bħala fjuwil transitorju, il-forniment ta' provvista ta' enerġija fuq l-art, fjuwils alternattivi, faċilitajiet adegwati għall-akkoljenza ta' skart mill-bastimenti u l-konnessjonijiet maż-żoni interni għat-trasport bil-ferrovija u t-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni, it-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja u l-ilma u s-salvagwardja tal-bijodiversità, mingħajr ma tiġi kompromessa s-sikurezza.

- 1.9 **NISĦQU FUQ** il-ħtieġa li jiġu żviluppati attivitajiet ta' portijiet newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju permezz tal-promozzjoni ta' inizjattivi ekoloġiċi fir-rigward ta' operazzjonijiet portwarji, bastimenti u l-produzzjoni industrijali tal-enerġija.
- 1.10 **NAPPOĠĠAW** l-isforzi kontinwi tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona biex fl-2022 tiġi ppreżentata proposta fil-livell tal-IMO, għad-deżinjazzjoni ta' żona ta' kontroll tal-emissjonijiet tal-kubrit fil-baċir kollu tal-Baħar Mediterran b'parteċipazzjoni tal-Istati Membri tal-UE u ta' Stati terzi riparji biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mit-trasport marittimu u jinkisbu benefiċċji sinifikanti għas-saħħa u għall-ambjent; **INQISU** l-possibbiltajiet ta' mekkaniżmi finanzjarji tal-UE li jappoġġaw il-ħolqien ta' din iż-żona. **NINNOTAW** l-istudji eżistenti dwar tniġġis ieħor mit-trasport marittimu fil-baċir tal-Baħar Mediterran għal konsiderazzjoni ta' ħidma ulterjuri.
- 1.11 **INFAKKRU** fil-ħtieġa li jiġi varat programm ta' segwitu għan-NAIADES II sa mhux aktar tard mit-tmiem tal-2020 biex il-kontinwità tal-miżuri tiġi żgurata u **NAPPOĠĠAW** lill-Kummissjoni biex tiżviluppa programm bħal dan għat-tisħiħ ulterjuri tas-sostenibbiltà ambjentali u l-kompetittività tat-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni u l-infrastruttura relatata bil-għan li jingħata kontribut għall-oġettiv tal-bidla modali kif stabbilita fil-Patt Ekoloġiku Ewropew.
- 1.12 **NINNOTAW** l-importanza ta' azzjonijiet favur ir-reżistenza għall-klima, it-tisħiħ tar-reżiljenza, il-prevenzjoni u t-tħejjija b'rabta mal-adattament għat-tibdil fil-klima tas-settur tat-trasport fuq l-ilma.

Trasformazzjoni diġitali

- 2.1 **NAGĦRFU** l-opportunitajiet li nħolqu bit-trasformazzjoni diġitali tas-settur tat-trasport fuq l-ilma li tippermetti operazzjonijiet tat-trasport multimodali bla xkiel; **NAPPOĠĠAW** il-ħidma li għaddejja fil-livell Ewropew u dak internazzjonali b'rabta mal-awtomazzjoni marittima ta' livell għoli u vapuri awtonomi u **NINKORAĠĠIXXU** l-ħidma fl-IMO u fil-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' standards fin-navigazzjoni interna għall-istabbiliment ta' qafas legali adattat imsejjes fuq il-miri u newtrali fir-rigward tat-teknoloġija u ta' standards tekniċi rilevanti biex tkun possibbli l-operazzjoni sikura u sigura ta' vapuri awtonomi, inkluż inizjattivi għall-faċilitazzjoni ta' operazzjoni parallela ta' vapuri mhux awtonomi u daww awtonomi.
- 2.2 **NAPPOĠĠAW** l-iżvilupp ta' ambjent amministrattiv diġitali għalkollox għat-trasport fuq l-ilma li ser inaqqas l-ispejjeż għall-operaturi u jżid l-effiċjenza u l-effettività tal-amministrazzjonijiet, filwaqt li jiżgura l-kunfidenzjalità tad-data u, fejn applikabbli, jieħu kont tal-approċċ "kuritur tat-TEN-T".

- 2.3 **NIPPROMWOVU**, inkluż permezz ta' emendi legiſlattivi rilevanti possibbli, l-użu ta' servizzi diġitali, ċertifikati elettroniki għar-reġistrazzjoni ta' vapuri li jbaħħru taħt il-bnadar tal-Istati Membri tal-UE, il-verifika elektronika ta' ċertifikati għal vapuri li jbaħħru u għal baħħara bħala opzjoni fil-kuntest tal-proċeduri tal-kontroll mill-Istat tal-port u **NINKORAĠĠIXXU** l-użu ta' dokumenti elettroniki għall-ekwipaġġ u l-bastimenti u l-implimentazzjoni ta' servizzi diġitali għan-navigazzjoni interna.
- 2.4 **NISĦQU** li implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Regolament dwar sistema ta' Single Window Marittima Ewropea ser tippermetti eżekuzzjoni armonizzata, rapida u sħiħa tal-formalitajiet ta' rappurtar mid-dikjaranti, inkluż informazzjoni dwar il-merkanzija, u b'hekk tiftaħ il-prospett ta' Spazju tat-Trasport Marittimu Ewropew Mingħajr Ostakli u t-titjib tal-effiċjenza u l-attrawenza tat-trasport marittimu u l-integrazzjoni bla xkiel tiegħu ma' modi oħra ta' trasport u interoperabilità mtejbja tas-sistemi tal-iskambju tad-data fil-kuntest tal-katina loġistika kollha; **NIPPROMWOVU** inizjattivi simili fil-livell globali.
- 2.5 **NAPPOĠĠAW** id-diġitalizzazzjoni tal-formalitajiet tar-rappurtar f'portijiet neċessarji għall-kisba ta' benefiċċji sħaħ ta' sistema ta' Single Window Marittima Ewropea.
- 2.6 **NISĦQU FUQ** il-ħtieġa li jkun hemm ħidma lejn trasport fl-ilmijiet navigabbli interni konness, kooperattiv u awtomatizzat, integrat fl-ekosistema tat-trasport diġitali.
- 2.7 **NIRRIKONNOXXU** li l-passi ta' hawn fuq għandhom jittieħdu bil-ħsieb li jinżammu u jiġu estiżi l-politiki ta' data b'sors miftuħ u tal-kondiviżjoni ta' data, tal-konsenja f'darba ta' data, tal-proċessi ta' innovazzjoni u ta' standardizzazzjoni aċċelerati meħtieġa għall-interoperabilità kif ukoll tal-ekonomija tad-data, filwaqt li tiġi żgurata s-sigurtà tad-data; **NINKORAĠĠIXXU** l-kondiviżjoni tad-data bi drittijiet ġusti għall-utent sabiex ikun hemm kondizzjonijiet aktar ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-atturi kollha u biex ikunu possibbli innovazzjonijiet ġodda u servizzi ġodda abbażi ta' użu effiċjenti tad-data.
- 2.8 **NISĦQU FUQ** il-ħtieġa li jiġi żgurat livell għoli ta' ċibersigurtà fis-settur tat-trasport fuq l-ilma; **NAPPOĠĠAW** il-ħidma li saret fil-livell tal-UE u dak internazzjonali.

- 2.9 **NIKKUNSIDRAW** li l-iżvilupp ta' Pjan Direzzjonali Diġitali dwar it-Trasport fuq l-Ilma sal-2021 li jiffaċilita approċċ integrat u armonizzat lejn id-diġitalizzazzjoni tat-trasport fuq l-ilma huwa tal-akbar importanza; **NAPPELLAW** għal azzjonijiet u sforzi koerenti tal-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-industrija bil-għan li jiffaċilitaw it-trasformazzjonijiet diġitali.

Kompetenza u taħriġ tal-baħħara u l-ħaddiema tan-navigazzjoni interna futuri

- 3.1 **NISTIEDNU** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jintensifikaw l-isforzi tagħhom fil-livell tal-IMO għal rieżami ambizzjuż tal-Konvenzjoni STCW bi tweġiba għall-isfidi attwali u ż-żieda fit-talbiet u l-iżviluppi teknoloġiċi, filwaqt li jaħsbu dwar l-implimentazzjoni tal-ħiliet neċessarji għall-baħħara.
- 3.2 **NAFFERMAW MILL-ĠDID** l-importanza tad-Djalogu Soċjali Ewropew biex jinżammu kondizzjonijiet ta' ħidma attraenti u protezzjoni soċjali adegwata għall-baħħara u l-ħaddiema tan-navigazzjoni interna bl-applikazzjoni effettiva, fost l-oħrajn, tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu u l-ftehim rilevanti mas-sħab soċjali; **NINKORAĠĠIXXU** miżuri biex jiġu ppreservati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni soċjali.
- 3.3 **NAPPOĠĠAW** żvilupp ulterjuri tal-istandards tal-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' standards fin-navigazzjoni interna biex jinżammu l-ħiliet neċessarji għall-ekwipaġġ abbord tal-bastimenti tan-navigazzjoni interna.
- 3.4 **NINKORAĠĠIXXU** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex isaħħu l-kooperazzjoni bejn l-industrija, l-edukazzjoni u l-fornituri tat-taħriġ, relatat ukoll mat-taħriġ abbord, biex jiġi żgurat li l-baħħara u l-ħaddiema tan-navigazzjoni interna Ewropej huma mgħammra bil-ħiliet neċessarji għall-ambjent tat-trasport fuq l-ilma li qed jinbidel rapidament; **NAPPOĠĠAW** inizjattivi biex tiġi promossa u mtejbja l-immagħni tas-settur, biex jiżdiedu l-opportunitajiet ta' impjieġ abbord u fuq l-art, biex jiġu żviluppati miżuri għat-titjib tal-edukazzjoni, it-taħriġ u l-valutazzjoni sabiex ikun hemm aġġustament għat-teknoloġiji ġodda, kif ukoll biex tiġi promossa l-attraenza tal-professjonijiet fis-setturi tat-trasport fuq l-ilma fost in-nisa u l-irġiel żgħażaġh.
- 3.5 **NAPPOĠĠAW** inizjattivi biex tissaħħaħ il-pożizzjoni tan-nisa fis-settur tat-trasport fuq l-ilma.

- 3.6 **NAGĦRFU** li l-verifika ta' ċertifikati ta' kompetenza u approvazzjonijiet maħruġa lill-baħħara hija essenzjali mill-perspettiva ta' prevenzjoni ta' prattiki inġusti assoċjati mal-ħruġ ta' ċertifikati bħal dawn kif ukoll tal-appoġġ tal-attivitajiet tal-kontroll mill-Istat tal-port.
- 3.7 **NISĦQU FUQ** l-importanza ta' settur tat-trasport fuq l-ilma sigur, filwaqt li nenfazzjaw it-theddida serja li l-piraterija u s-serq bl-użu ta' armi fuq il-baħħar jirrappreżentaw għas-sikurezza u l-benesseri tal-baħħara, il-kummerċ globali, it-trasport marittimu u l-iżvilupp ekonomiku reġjonali u nissottolinjaw ir-rwol kruċjali tal-kooperazzjoni internazzjonali biex tiġġieled dawn l-atti.

L-ebda aċċident

- 4.1 **NISSOTTOLINJAW** l-importanza li sal-2050 tiġi kkultivata u promossa kultura ta' sikurezza marittima b'ebda aċċident, abbażi ta' "kultura ġusta", u **NISTIEDNU** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jisfruttaw bis-sħiħ is-sinerġiji li ser jiġu dderivati mit-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali tas-settur tat-trasport fuq l-ilma.
- 4.2 **NILQGĦU** l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-kontroll tal-idoneità tat-trasport marittimu u **NINKORAĠĠIXXU** lill-Kummissjoni tikkunsidra, fejn neċessarju, azzjonijiet ta' segwitu bil-ħsieb li jittejjeb il-livell tas-sikurezza attwali.
- 4.3 **NAGĦRFU** r-rwol ċentrali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima fl-ġhoti ta' assistenza lill-Kummissjoni u ta' appoġġ lill-Istati Membri biex jissodisfaw b'mod effettiv l-obbligi tagħhom bħala Stati tal-bandiera, tal-port u tal-kosta u **NINKORAĠĠIXXU** lill-Kummissjoni biex tikkunsidra opzjonijiet għat-tisħiħ ulterjuri tal-kapaċità tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima fit-twettiq tal-kompiti tekniċi u operazzjonali tagħha fir-rigward tas-sikurezza, is-sigurtà u s-sostenibbiltà tat-trasport marittimu tal-UE.
- 4.4 **NISSOTTOLINJAW** li jkun utli li d-data dwar aċċidenti fuq passaġġi fuq l-ilma interni tinġabar fil-livell Ewropew, sabiex jitjiebu r-regoli u l-istandards fejn neċessarju.
- 4.5 **NIRRIKONNOXXU** r-rwol ċentrali tal-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' standards fin-navigazzjoni interna fl-appoġġ tal-UE u l-Istati Membri tagħha biex jipprovdu standards għar-rekwiżiti tekniċi ta' bastimenti tan-navigazzjoni interna, għall-kwalifiki professjonali u għat-teknoloġija tal-informazzjoni u **NAGĦTU PARIR** li jsir użu mill-għarfien espert tal-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' standards fin-navigazzjoni interna għall-ġbir ta' data dwar aċċidenti fuq il-passaġġi fuq l-ilma interni fil-livell tal-UE, sabiex fejn neċessarju jitjiebu r-regoli u l-istandards.

4.6 **NISSOTTOLINJAW**, f'termini ta' sikurezza u protezzjoni tal-ħajja tal-bniedem u l-ambjent, l-importanza tar-ratifika tal-konvenzjonijiet marittimi internazzjonali, bħall-Ftehim ta' Cape Town tal-2012 dwar l-Implimentazzjoni tad-Dispożizzjonijiet tal-Protokoll tal-1993 relatat mal-Konvenzjoni Internazzjonali ta' Torremolinos għas-Sikurezza tal-Bastimenti tas-Sajd, 1977, il-Protokoll tal-2010 għall-Konvenzjoni Internazzjonali fuq ir-Responsabbiltà u l-Kumpens għal Dannu Kkawżat mill-Ġarr ta' Sustanzi Noċivi u Potenzjalment Perikolużi (il-Konvenzjoni HNS tal-2010), il-Konvenzjoni Internazzjonali ta' Hong Kong dwar ir-Riċiklaġġ ta' Bastimenti li Jkun Sikur u li Jħares l-Ambjent, u l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Persunal tal-Bastimenti tas-Sajd (STCW-F).

Settur tat-trasport fuq l-ilma fl-UE minn ta' quddiem fid-dinja

- 5.1 **NAGĦRFU** li l-UE qed tiffaċċa Prattiki kummerċjali inġusti u aċċess limitat għas-suq f'ċerti pajjiżi terzi u **NISĦQU FUQ** il-ħtieġa għal azzjoni kkoordinata biex l-interessi marittimi tal-UE jiġu ssalvagwardjati u jiġi promoss kollettivament aċċess ħieles u reċiproku għas-servizzi marittimi internazzjonali; **NISTIEDNU** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jintensifikaw l-isforzi sabiex ikun hemm kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni globali abbażi ta' standards internazzjonali għolja għall-kondizzjonijiet tas-sikurezza, l-ambjent, il-ħiliet u x-xogħol, biex b'hekk jinħolqu l-kondizzjonijiet għal settur tat-trasport fuq l-ilma tal-UE prosperu f'ambjent internazzjonali dejjem aktar kompetittiv; f'dan ir-rigward, **NISĦQU FUQ** l-importanza ta' Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles ambizzjużi u ta' ftehimiet dwar it-trasport marittimu bejn l-UE u pajjiżi terzi biex jippromwovu kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni globali għas-servizzi marittimi internazzjonali.
- 5.2 **NIRRIKONOXXU** l-valur miżjud u r-rwol tal-Linji Gwida tal-Għajnuna mill-Istat għat-Trasport Marittimu biex tinżamm il-kompetittività internazzjonali tas-settur tat-trasport marittimu tal-UE, b'kont meħud tal-iżviluppi, ix-xejriet u l-isfidi globali, bl-oġettiv li **NSAĦĦU AKTAR** il-kwalità u l-attraenza tal-bnadar tal-Istati Membri tal-UE u li jinħolqu l-kondizzjonijiet li fihom it-trasport marittimu jista' jżid il-kontribut tiegħu għall-ekonomija tal-UE.
- 5.3 **NAGĦRFU** li s-settur tat-trasport fuq l-ilma tal-UE, l-infrastruttura tiegħu u l-awtonomija finanzjarja tiegħu huma ta' interess strateġiku tal-UE; **NISĦQU FUQ** l-importanza li jiġi żgurat aċċess għal finanzjament għal settur sostenibbli tat-trasport fuq l-ilma tal-UE.

- 5.4 **NISSOTTOLINJAW** li trasport marittimu effiċjenti fuq distanzi qosra jaqdi rwol importanti fir-rabta tar-reġjuni differenti fi ħdan is-suq intern tal-Unjoni u fl-appoġġ tal-ekoloġizzazzjoni tat-trasport.
- 5.5 **INFAKKRU** fl-importanza tal-promozzjoni ta' djalogu multilaterali f'livell internazzjonali wiesa' bil-ħsieb li jitravmu kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u b'hekk **NISTIEDNU** lill-Kummissjoni tkompli twettaq il-miżuri xierqa kollha biex jiġi żgurat li s-servizzi marittimi internazzjonali jkunu koperti minn strumenti globali, multilaterali rilevanti inkluż Ftehimiet taħt l-awspiċċi tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO).
-